MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2010

Numru. 1105/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Louise Calleja]**

**vs**

**Joel Caruana**

**Illum, 22 ta' Novembru, 2010**

**Kumpilazzjoni Numru: 1086/2010**

**Il-Qorti**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Joel Caruana, ta' 19 il-sena, iben Joseph u Dolores nee' Vassallo, imwieled Pieta' fis-27 ta' Jannar, 1991 u residenti fil-fond 51A, Flat

3, Sqaq Brittaniku Numru 1, Tarxien u detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 88591(M).

U akkuzat talli f’Settembru, 2010, gewwa Hal-Tarxien u fi bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zmienijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda;

1. B’eghmil zieni kkorrompa lill-Brenda Micallef, minuri ta’ 13 il-sena;
2. Ippartecipa f’attivitajiet sesswali ma’ l-istess minuri Brenda Micallef

Il-Qorti, giet mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta ta’ Brenda Micallef u l-familja taghha u persuni ohra, u minn issa tapplika l-provedimenti tal-Artikoli 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta’ Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhirlha li huma xierqa.

Rat l-artikoli 18, 203, u 204C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma minn din l-Qorti bhala Qorti Struttorja nhar is-27 ta’ Ottubru 2010 l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum nhar it-22 ta’ Novembru 2010 Tania Micallef, omm Brenda Micallef, iritrat il-kwerela u rrinunzjat ghall-azzjoni kriminali kull fejn din hija rinunzjabbli.

Rat li waqt din l-istess udjenza l-imputat kkonferma l-ammisjoni tieghu fil-konfront tat-tieni imputazzjoni.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi Tania Micallef, l-persuna fdata bil-kura u kustodja ta' Brenda Micallef, irrinunzjat ghall-azzjoni kriminali; konsegwentement il-procediment fir-rigward ta' l-ewwel imputazzjoni huwa ezawriet.

Illi l-imputat ammetta t-tieni imputazzjoni; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatti u c-cirkostanzi li taw lok ghall-dawn il-proceduri, l-koperazzjoni ta'l-imputat mal-pulizija, l-ammissjoni tieghu, u l-fedina penali tieghu li hija netta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li tiddkjara l-procedmient ezawriet fir-rigward ta' l-ewwel imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 18 u 204C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghaxar (10) xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-imputat r-responsabbilta tieghu u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------